Lil Andrea, Kbir Appostlu
Jixraq wisq li nonoraw
U bħala protettur tagħna
Lilu mmorru nimitaw.



# Sittin Sena mill-Inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II

## (1953-2013)

Bernard Cutajar

Verament għadda ż-żmien minn dan l-avveniment li kien importanti għal Malta peress li konna għadna parti mill-Imperu Brittaniku wara rebħa ta' Gwerra Mondjali bħala parti mill-alleati. Is-Sena 1953 rat żagħżugħa tidħol f'dan ir-rwol tant prestiġġjuż. Sittin sena wara, r-Reġina għadha fit-Tron Brittaniku sal-lum.

Fil-festi li saru f'Malta għall-inkurunazzjoni tar-Reġina Eliżabetta II, dakinhar f'Jum l-Inkurunazzjoni, nhar it-2 ta' Ġunju 1953. Il-Banda Sant'Andrija ħadet sehem fl-isfilata tal-baned li saret fil-Belt Valletta. Għal din l-okkażjoni s-Soċjetà għamlet karru trijonfali li kien jirrappreżenta lil Malta bħala *Bulwark of the Crown*. Dan il-karru nħadem kollu kemm hu mill-membri tas-Soċjetà, fosthom G. Cremona u J. Zammit fuq l-idea tas-Sur Ninu Micallef. Id-disinn sar mis-Sur Ninu Schembri li kien inkarigat ukoll miż-żebgħa tiegħu flimkien ma' J. Mercieca u Salvu Micallef. Dan il-karru ġie applawdit ferm waqt l-isfilata fil-Belt Valletta flimkien ma' 16-il karru ieħor minn diversi bliet u rħula ta' Malta.

Il-karru ppreparat mill-Għaqda Mużikali Sant'Andrija kellu t-tema ta' Malta bħala bastjun tal-Kuruna, *Malta: Bulwark of the Crown*. Dan il-karru kien magħmul sabiex jirrappreżenta fortizza li biha Malta turi l-qlubija tagħha bħala pajjiż leali lejn il-Kuruna Ingliża. Il-Karru kellu wkoll murija erba' arbli li fuqhom kien hemm miktub, *Hope*, *Charity*, *Faith* u *Fortitude* erba' kwalitajiet tal-Poplu Malti. Sabiex jirrappreżentaw kull waħda minn dawn il-kliem ġew magħżula tmien tfajliet Ħalluqin sabiex jirrappreżentaw kull kelma, oħrajn ir-Renju Ngliż, lir-Reġina Eliżabetta u lil Malta. L-ilbies kollu nħiet minn Agatha Caruana, bint id-Direttur tal-Każin Gio Batta Caruana. Il-kuluri tal-ilbies kien ukoll jirrelata mal-kulur sinonimu tal-kliem mal-arblu. Fuq quddiem tal-karru kien hemm ħames tfajliet, naraw lil Antida Ellul quddiem fuq il-lemin b'libsa ħadra sabiex tirrappreżenta t-tama *(Hope)*, lil Rose Demicoli fuq ix-xellug b'libsa ħamra sabiex tirrappreżenta l-qawwa *(Fortitude)*. Fuq quddiem, fin-nofs quddiem kuruna kbira, kien hemm Iris Seychell tirrappreżenta lir-Reġina. Flimkien ma'







Tfajliet li ħadu sehem.
Mix-xellug: Rose Demicoli, Antida Ellul, Iris Seychell, Carmela Sultana, Mary Zarb, Sally Zammit, Mary Ellul, Mary Caruana.

dawn it-tfajliet, quddiem iżda aktar irtirati, nsibu tnejn oħra b'ilbies bojod bil-*Union Jack* meħjut fuq il-libsa sabiex jirrappreżenta lir-Renju Unit. Dawn kienu Mary Zarb, it-tifla tas-Segretarju Domenico Zarb u Carmela Sultana (eventwalment emigrat lejn l-Awstralja). Fuq wara tal-karru żewġ tfajliet oħra, Mary Caruana, bint id-Direttur Gio Batta Caruana b'libsa ċelesta sabiex tirrappreżenta l-fidi *(Faith)* u lil Sally Zammit b'libsa bajda tirrappreżenta l-karità *(Charity)*. Il-karru kien maqsum fuq żewġ livelli fejn it-tfajla Mary Ellul kienet tinsab fuq il-pjan superjuri jew turretta tirrappreżenta lil Malta.

Il-Banda Sant'Andrija kienet qed iddoqq quddiem il-karru, filwaqt li numru ta' membri tal-każin kienu qed jimxu flimkien mal-karru. Il-karru kien misjuq minn Vincenzo Spiteri magħruf bħala il-bużżot, peress li t-trakk kien

proprjetà tiegħu. Waqt li kien qed jinsaq il-karru nqala' ncident sfortunat fejn l-istess Vincenzo ħassu ħażin minħabba d-duħħan li beda ħiereġ mill-*exhaust* tal-magna u kellu jittieħed l isptar. Kellu jkun Anthony Demicoli, il-kasu, bandist fil-banda li jkompli jsuq il-karru fil-Belt.

Il-Banda Sant'Andrija kienet l-unika banda Ħalluqija li daqqet bil-karru tagħha tul Strada Rjali u filgħaxija ngħaqdet mal-baned l-oħra f'Misraħ il-Palazz il-Belt Valletta.




